**FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

**GUDIKATUR: DR JOSEPH P BONNICI LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 19 ta' Frar 2002**

**Numru**

**Avviz numru 805/01**

**Media Link Communications u b'digriet tal-4 ta' Dicembru 2001 giet mizjuda l-kelma Ltd wara l-isem tal-attur biex b'hekk jigi jaqra Media Link Communications Ltd**

**vs**

**Studio Design International Ltd**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tas-socjeta konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' Lm204.00,0 (mitejn u erba liri maltin) rapprezentanti prezz ta' reklamar fuq il-media tas-socjeta attrici mis-socjeta konvenuta ordnat u mhux imhallas kif jidher mill-istatement anness mal-avviz tat-talba u mmarkat Dok A.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-invoice kontra s-socjeta' konvenuta li r-rapprezentanti taghha gew ingunti ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tas-socjeta konvenuta fejn qalet illi t-talba attrici hija infondata fil-fatt, fid-dritt u fl-ekwita' u ghalhekk ghandha tigi michuda bl-ispejjes stante:

1. Illi hija nulla, stante li "Media Link Communications" la hija isem ta' persuna fizika u lanqas ta' socjeta jew korporazzjoni;

2. Illi minghajr pregudizzju, is-socjeta konvenuta mhijiex il-legittima kontradittrici;

3. Illi minghajr pregudizzju s-socjeta konvenuta m rceviet l-ebda servizz minghand l-entita' attrici.

Bl-ispejjez u l-penali a tenur ta' l-art 10, Kap 380.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Sema x-xhieda u t-trattazzjoni.

Ikkunsidra.

Is-socjeta konvenuta tallega li ma kienx il-legittimu kontradittur ghat-talbiet attrici billi ma kien hemm l-ebda relazzjoni kummercjali bejniethom.

Is-socjeta attrici rceviet ordni u esegwietha pero' baqghet ma thallsitx.

Is-socjeta' attrici pprovat tiskawza d-debitu fuq il-famuz Joe Schembri. Ghamlet hafna allegazzjonijiet - rigward xoghol, fax, logo, indirizz impieg. Mhux talli ma tellghatux bhala xhud - joqghod fl-istess indirizz tal-ufficcju registrat tas-socjeta konvenuta, izda lanqas ma ikkjamatu fil-kawza.

Kif ritenut mill-Onor, Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kawzi "Paul Scerri vs Tancred Cesareo" deciza fil-27 ta' Jannar 1997 u "Nazzareno Abela vs Sheth Kiroshekimar" deciza fit-12 ta' Dicembru, 2001.

It-Tribunal ghandhu quddiemu iz-zewg kontendenti la jirrispondu ghat-terz u wisq anqas jista dan it-terz jiddefendi ruhu.

Fic-cirkostanzi it-Tribunal jilqa' t-talbiet attrici, jichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta jikkundannaha thallas is-somma ta' Lm204

(mitejn u erba liri Maltin) bhal servizzi prestati ta’ reklamar, bl-interessi u bl-ispejjes kif mitluba.

**Dr Joseph P Bonnici**
**Gudikatur**